



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0270/2012

14.9.2012

RAPPORT

dwar strumenti finanzjarji innovattivi fil-kuntest tal-qafas finanzjarju
multiannwali li jmiss
(2012/2027(INI))

Komitat għall-Baġits

Relatur: Eider Gardiazábal Rubial

WERREJ

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT	13
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA	17
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	22
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	25

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar strumenti finanzjarji innovattivi fil-kuntest tal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss

(2012/2027(INI))

il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni bl-isem "Baġit għall-Ewropa 2020 - Parti II: Skedi ta' Politika" (COM(2011)0500), "Qafas għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji innovattivi - il-pjattaforma tal-UE tal-ekwità u tad-dejn" (COM(2011)0662) ("komunikazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji"), "Pakkett ta' tkabbir għal infrastrutturi Ewropej integrati" (COM(2011)0676), "Pajn ta' azzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs" (COM(2011)0870) u "Pilota għall-Inizjattiva Bonds Ewropa 2020 għall-Proġetti" (COM(2011)0660),
- wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni, b' mod partikolari l-proposta għal regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020 (COM(2011)0398), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (COM(2010)0815), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (COM(2011)0659), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020) (COM(2011)0809), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (2014-2020) (COM(2011)0834), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (COM(2011)0785), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi "ERASMUS GĦAL KULĦADD" Il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Ispport (COM(2011)0788), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (COM(2011)0665), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm tal-Unjoni għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni (COM(2011)0609), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (COM(2011)0615/2),
- wara li kkunsidra d-dokumenti ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni bl-isem "Strumenti Finanzjarji fil-Politika ta' Koeżjoni" (SWD(2012)36) u "Elementi għal Qafas Strateġiku

Komuni 2014 sa 2020 - il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew Agrikulturali għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd" (SWD(2012) 61) ("Qafas strateġiku komuni għall-fondi strutturali u ta' koeżjoni"),

- wara li kkunsidra r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea Nru 4/2011 dwar l-awditu tal-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs u Nru 2/2012 dwar l-istrumenti finanzjarji għall-SME kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, kif ukoll l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri Nru 7/2011 dwar il-proposta għal regolament dwar il-Fondi strutturali u ta' koeżjoni,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklussiva"¹, u r-Risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali: rakkomandazzjonijiet rigward il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittiehdu²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0270/2012),
- A. billi, sa mill-bidu l-ewwel snin tal-aħħar deċennju, l-istituzzjonijiet tal-UE żviluppaw għadd ta' strumenti finanzjarji innovattivi bbażati fuq mekkaniżmi li jgħaqqdu għotjiet mill-baġit tal-Unjoni u finanzjamenti pubbliċi u/jew privati biex jizjed il-volum tal-investment disponibbli għat-twettiq tal-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni;
- B. billi skont il-punt 49 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod, "l-istituzzjonijiet jaqblu li l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' kofinanzjament hija neċessarja sabiex jissaħħa l-effett ta' stimolu tal-baġit tal-UE billi jżidu l-inċentiv ta' finanzjament. Jaqblu li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji multiannwali xierqa li jaħdmu bħala katalisti għal investituri privati u pubbliċi";
- C. billi huwa stmat li s'issa madwar 1,3 % tal-baġit tal-Unjoni jingħata lill-istrumenti finanzjarji innovattivi, billi jitqies li skont il-qafas finanzjarju multiannwali (MFF) 2007-2013, l-Unjoni żviluppat 14-il strument finanzjarju innovattiv fil-qasam tal-politiki interni tagħha (3 biljun EUR taħt l-intestatura 1a, jiġifieri 3,4 % tal-baġit disponibbli u madwar 5,9 biljun EUR għall-politika reġjonali u ta' koeżjoni) kif ukoll 11 fil-qasam tal-politiki esterni (1,2 biljun EUR, jiġifieri 2,2 % taħt l-intestatura baġitarja 4, mingħajr ma jitqiesu dawk l-istrumenti finanzjarji innovattivi żviluppati fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp);
- D. billi l-Unjoni diġà kisbet esperjenza fil-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji innovattivi u bosta valutazzjonijiet u studji dwar l-impatt komparattivi ġew ippubblikati;

¹ Testi adottati, P7_TA-PROV(2011)0266.

² Testi adottati, P7_TA-PROV(2011)0331.

- E. billi fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklussiva', il-qafas ta' implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji innovattivi għandu jkun deċiż permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja, biex jiġi żgurat fluss kontinwu ta' informazzjoni u parteċipazzjoni tal-awtorità baġitarja rigward l-użu ta' dawn l-istrumenti fl-Unjoni kollha kemm hi, b'mod li jippermetti li l-Parlament ikun jista' jivverifika li l-prijoritajiet politiċi tiegħu jintlaħqu, kif ukoll kontroll imsaħħaħ tal-Qorti tal-Awdituri tal-UE fuq dawn l-istrumenti;

L-istrumenti finanzjarji innovattivi – l-isfond

1. Ifakkar li l-użu tal-istrumenti finanzjarji innovattivi fil-livell Ewropew ġie maħsub bħala mezz għall-Unjoni biex tistimula l-volum tal-investment fl-ekonomija Ewropea reali bi qbil mal-objettivi tal-Unjoni f'kuntest ta' tnaqqis kostanti tar-riżorsi allokatil lill-baġit tagħha filwaqt li l-ambizzjonijiet politiċi tagħha u, madankollu, ħtiġijietha, baqgħu jikbru;
2. Jenfasizza li l-objettiv aħħari tal-istrumenti finanzjarji innovattivi u r-raġuni li dawn jeżistu huwa li, f'sitwazzjonijiet ta' falliment tas-suq jew ta' investment subottimali, għandu jkollhom effett katalizzanti, li fuq il-bażi ta' kontribuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni, jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-finanzjamenti - pubbliċi u/jew privati - għal l-roġetti li ma jistgħu jiksbu l-ebda appoġġ, jew jistgħu jiksbu biss appoġġ mhux adegwat, mis-suq; iqis li, għalhekk, l-intervent mis-settur pubbliku jippermetti tnaqqis fl-ispejjeż relatati mar-riskju, billi dawn jitħallsu parzjalment, u jiffaċilita b'hekk l-implimentazzjoni tal-proġetti kkonċernati;
3. Josserva li l-istrumenti finanzjarji innovattivi żviluppatti s'issa intużaw biex jitwettqu tipi ta' intervent estremament varjati, mill-parteċipazzjoni fil-fondi ta' ekwità/kapital ta' riskju (equity/venture capital) għall-provediment ta' garanziji/kontragaranziji lil intermedjarji finanzjarji (partikolarment il-banek), permezz tal-ħolqien ta' strumenti ta' kondivizzjoni ta' riskji flimkien mal-istituzzjonijiet finanzjarji biex jiġu stimulati l-investment, l-innovazzjoni u r-riċerka;
4. Jinnota li din il-varjetà hija ġustifikata mid-diversità tal-oqsma koperti (appoġġ lill-SME, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, l-impjiegi u l-mikrokreditu, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-infrastrutturi tat-trasport, it-teknoloġiji tal-informazzjoni);
5. Jenfasizza li l-użu tal-istrumenti finanzjarji innovattivi huwa rregolat minn regoli leġislattivi (hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-awtorità leġislattiva) u baġitarji stretti; jinnota li l-użu tal-istrumenti finanzjarji innovattivi ma johlqx spejjeż mhux prevedibbli għall-baġit tal-Unjoni, peress li r-responsabilità tal-baġit Komunitarju hija limitata għall-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni impenjat fl-istrumenti finanzjarji innovattivi inkwistjoni abbażi tal-għotjiet baġitarji annwali, kif maqbul mill-awtorità baġitarja, u għaldaqstant m'għandhiex tagħti lok għal obligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit tal-Unjoni; josserva li fil-fatt l-istrumenti finanzjarji innovattivi jikkontribwixxu għall-ġestjoni finanzjarja fis-sod u effiċjenti tal-fondi pubbliċi peress li l-kontribuzzjoni mħallsa mill-baġit tista' tiġġenera dħul li jista' jiġi investit mill-ġdid (reflows) fl-istrument finanzjarju innovattiv ikkonċernat kif ukoll issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' intervent tagħha u ż-żieda fl-effikaċja tal-azzjoni pubblika; jenfasizza l-ħtieġa, għalhekk, li l-operazzjonijiet

iffinanzjati minn strumenti finanzjarji innovattivi jsirihom awditu tajjeb mill-Qorti tal-Awdituri tal-UE u li l-koleġiżlaturi jkunu infurmati bis-sħiħ dwar kwalunkwe konstatazzjoni;

6. Jirrimarka li hemm tliet tipi ta' sitwazzjoni ta' investment: 1) ottimu, fejn ikun ċert li l-investment se jrendi profit u jippermetti finanzjament mis-suq; 2) subottimu, fejn ikun hemm rendiment, imma ma jkunx biżżejjed biex jiżgura finanzjament mis-suq u jiġġustifika l-użu ta' strument finanzjarju innovattiv, u 3) investment ikkaratterizzat minn fteit li xejn rendiment, b'tali mod li jkun hemm bżonn intervent mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet, li jistgħu jkunu kkombinati ma' strumenti finanzjarji innovattivi jekk il-proġett jippermetti;
7. Itenni li ż-żieda fl-użu tal-istrumenti finanzjarji innovattivi ma għandhiex tikkostitwixxi strateġija sabiex jitnaqqas il-baġit tal-Unjoni iżda għandha sservi sabiex tottimizza l-utilizzazzjoni tagħhom, u jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwar l-istrumenti finanzjarji innovattivi, li tirrikonoxxi li l-oġettiv ta' użu ikbar tal-istrumenti finanzjarji innovattivi mhuwiex li l-għotjiet jiġu sostitwiti minn strumenti finanzjarji;
8. Jenfasizza li l-esperjenza miksuba s'issa fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji innovattivi hija ġeneralment sodisfaċenti, għalkemm l-effetti multiplikaturi tagħhom ivarjaw konsiderevolment skont il-qasam ta' intervent tagħhom, l-oġettivi settorjali li għandhom jintlaħqu bl-istrumenti finanzjarji innovattivi, it-tip ta' strument finanzjarju innovattiv propost u l-modalitajiet użati għall-implimentazzjoni tiegħu;
9. Jinnota li l-istrumenti finanzjarji innovattivi fil-qasam tal-politiki interni tal-Unjoni huma implimentati fil-livell Ewropew (immexxija mill-Kummissjoni nnifisha jew fuq il-bażi ta' awtorità delegata minnha) jew inkella fil-livell nazzjonali fil-qafas tal-politika reġjonali u ta' koeżjoni (ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri);
10. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tagħhom għalhekk hija bbażata fuq l-involviment ta' katina ta' atturi, mill-Kummissjoni bħala awtorità eżekuttiva tal-baġit tal-Unjoni għall-grupp BEI (Bank Ewropew għall-Investment u Fond Ewropew tal-investment), kif ukoll banek nazzjonali jew lokali, kummerċjali jew speċjalizzati fl-investment jew fl-iżvilupp u investituri finanzjarji privati u pubbliċi; jenfasizza li, b'mod iktar ġenerali, is-suċċess tagħhom jiddependi mill-mobilizzazzjoni ta' intermedjarji finanzjarji pubbliċi, kważi-pubbliċi u privati, li l-oġettiv tagħhom ivarja skont l-oqsma ta' intervent (istituzzjonijiet ta' mikrokreditu, fondi ta' garanzija għall-SME, struttura reġjonali għall-iżvilupp, fond ta' appoġġ għar-riċerka, eċċ.);
11. Josserva b'mod partikolari d-differenzi notevoli bejn l-istrumenti finanzjarji innovattivi ġestiti b'mod ċentralizzat fil-livell tal-Unjoni u dawk implimentati fuq il-bażi ta' ġestjoni kondiviża fil-qasam tal-politika reġjonali u ta' koeżjoni jew fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni;
12. Jinnota, f'dak li jikkonċerna l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni, l-istrumenti finanzjarji innovattivi kellhom prestazzjoni differenti skont l-Istat Membru u skont it-tip ta' strument finanzjarju; jirrikonoxxi li l-istrumenti finanzjarji innovattivi fil-kuntest tal-politika ta'

koeżjoni batew minn qafas leġiżlattiv dghajjed li wassal għal dewmien fl-implimentazzjoni, problemi biex jintlaħqu massa kritika u effett multiplikatur sostanzjali, u nuqqas ta' sorveljanza u koordinament; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-qafas leġiżlattiv u b'hekk ittejjeb l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi fil-politika ta' koeżjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni li ġej (2014 – 2020);

13. Jinnota fir-rigward tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi fil-qasam tal-politika esterna n-numru kbir ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali involuti, kif ukoll l-effett multiplikatur tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, iżda wkoll li l-gamma ta' strumenti, li n-numru tagħhom żdid f'dawn l-aħħar snin u issa laħaq ammont totali ta' 13, hija wiesgħa wisq;
14. Jikkonstata li dawn l-istrumenti finanzjarji innovattivi huma implimentati fuq il-bażi ta' ftehimiet li huma anki aktar kumplessi minn dawk konklużi fil-qasam tal-politika interna u jinvolvu modalitajiet ta' ġestjoni diversi u atturi ta' natura differenti (BERŻ, organizzazzjonijiet internazzjonali);
15. Jinnota li, f'dawn il-kundizzjonijiet, il-viżibbiltà tal-intervent tal-baġit tal-Unjoni fost l-operaturi u ċ-ċittadini xi drabi tibqa' nieqsa;
16. Jinnota li fil-qasam tal-politika esterna, il-biċċa l-kbira tal-istrumenti finanzjarji innovattivi jippermettu l-investment mill-ġdid filwaqt li s-sitwazzjoni hija bil-kontra fil-qasam tal-politiki interni;
17. Jinnota li, skont il-ħtiġijiet, l-istrumenti finanzjarji innovattivi żviluppaw bi qbil ma' strateġiji kkaratterizzati minn objettivi u riżorsi differenti u b'mod mhux dejjem koordinat u dan ħoloq ċerti problemi ta' duplikazzjoni;
18. Jikkonstata li l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji innovattivi tiegħu ż-żmien u jeżiġi l-mobilizzazzjonijiet tal-kompetenzi avvanzati fil-qasam tal-investment, tħejjija bir-reqqa tal-proġetti u għarfien profund tal-mekkaniżmu tas-suq, iżda li potenzjalment din tippermetti t-titjib tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-proġetti appoġġati permezz ta' kompetenzi flimkien mal-għarfien speċifiku għall-atturi kkonċernati; josserva li l-istrumenti finanzjarji innovattivi joffru inizjattivi għall-kondiviżjoni ta' riżorsi finanzjarji u umani sabiex jinkisbu objettivi komuni u strateġiċi Ewropej;

Il-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss (2014-2020)

19. Jikkonstata li għall-perjodu 2013-2020, il-Kummissjoni pproponiet numru żgħir ta' strumenti finanzjarji innovattivi għall-qasam tal-politika interna, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom kiber; jilqa' dan l-iżvilupp li għandu jtejjeb il-viżibbiltà għall-atturi, il-massa kritika, id-distribuzzjoni u d-diversifikazzjoni tar-riskju ta' dawn l-istrumenti, fuq il-bażi ta' approċċ ta' portafoll;
20. Jilqa' l-proġett tal-Kummissjoni li toħloq pjattaformi għall-investimenti ta' kapital u ta' dejn; jinnota li dawn il-pjattaformi huma intiżi li jissimplifikaw, jistandardizzaw l-istrumenti finanzjarji innovattivi implimentati taħt il-baġit tal-Unjoni u jrenduhom aktar koerenti f'termini ġenerali; jenfasizza li biex dawk il-pjattaformi jkunu operattivi u jirnexxu fl-implimentazzjoni, il-qafas għall-applikazzjoni u dettalji tekniċi oħra għandhom

jigü ppreżentati f'waqthom u ċertament qabel il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni li ġej għall-2014 - 2020;

21. Jiġbed l-attenzjoni f'dan ir-rigward għall-ħolqien imminenti ta' pjattaforma tal-Unjoni għall-kooperazzjoni esterna u l-iżvilupp, bil-ħsieb li titjeb il-kwalità u l-effikaċja tal-mekkaniżmi ta' "blending" (għotjiet flimkien ma' self) użati fil-kuntest ta' dawn il-politiċi, filwaqt li jittieħed kont tal-kuntesti reġjonali li jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab differenti; josserva li l-iskop tal-pjattaforma huwa li tiffaċilita kemm l-evalwazzjoni tal-istrumenti ta' politika esterna eżistenti kif ukoll it-tfassil tal-istrumenti l-ġodda għall-2014-2020;
22. Jilqa' l-fatt li l-applikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji qed jigü estiżi taħt il-politika ta' koeżjoni għall-oġġettivi tematiċi kollha u l-fondi CSF kollha, u għal dawk il-proġetti, gruppi ta' proġetti, jew partijiet minn programmi ta' proġetti li jiġġeneraw dħul u profitti u li għalhekk huma adegwati għall-istrumenti finanzjarji fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; jenfasizza, madankollu, li perspettiva aħjar ta' strumenti finanzjarji applikati hija meħtieġa sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' koordinazzjoni u duplikazzjoni ta' skemi differenti;
23. Jinnota li dawn il-mudelli uniformi ta' strumenti se jkunu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' ġestjoni nazzjonali (strument "off-the-shelf"); iqis li s-suċċess tagħhom se jkun jiddependi mill-introduzzjoni f'waqtha tal-dettalji tekniċi u minn skambju upstream ta' informazzjoni aktar intensiv bejn il-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet lokali fi stadji preċedenti;
24. Jilqa' l-fatt li r-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] huwa minn issa l-qafas leġiżlattiv ta' referenza għad-definizzjoni, l-istruttura u l-użu tal-istrumenti finanzjarji innovattivi, u b'hekk jiġi żgurat li jkunu koerenti mal-oġġettivi u l-interessi tal-Unjoni;
25. Iqis li l-ħolqien tal-pjattaformi msemmija aktar 'il fuq jistgħu jigü akkompanjati minn koordinazzjoni ċentrali permanenti tal-istrumenti finanzjarji innovattivi fi ħdan il-Kummissjoni; jinnota li grupp interdipartimentali ta' esperti fuq l-istrumenti finanzjarji (FIEG) inħoloq u li huwa għandu jkollu bħala dmir it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-istrumenti finanzjarji innovattivi;
26. Iqis li l-introduzzjoni ta' strumenti finanzjarji innovattivi taħt l-awspiċi tal-Unjoni se tikkontribwixxi biex il-finanza titqiegħed fis-servizz tal-ekonomija reali għal proġetti b'valur miżjud Ewropew;

It-tfassil ta' strumenti finanzjarji innovattivi innovattivi ġodda

27. Jenfasizza li min-nofs is-snin 90, l-investment pubbliku kien qed jonqos b'mod kostanti fl-UE u li din it-tendenza aggravat ruħha mill-bidu tal-kriżi finanzjarja tal-2008; josserva, barra minn hekk, li l-promoturi tal-proġetti qed jiffaċċjaw kundizzjonijiet ta' kreditu aktar restrittivi, qed isibuha aktar diffiċli li jisselfu l-flus fis-suq tal-kapital; huwa konvint, għalhekk, li l-issuktar tal-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji innovattivi fil-livell nazzjonali

u tal-Unjoni jista' jagħti kontribuzzjoni biex l-Unjoni tiżgura li terġa' lura għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv b' mod koordinat.

28. Jenfasizza li t-twettiq tal-Istrateġija 'Ewropa 2020' u tas-7 inizjattivi ewlenin tagħha jeħtieġ volum ta' investiment globali fuq it-territorju Ewropew kollu, smat mill-Kummissjoni li jammonta għal EUR 1600 biljun minn issa sal-2020; josserva li dawn l-investimenti jirrigwardaw objettivi diversi li jkopru t-twettiq ta' proġetti ta' infrastruttura kbar sa appoġġ għal proġetti ta' daqs iżgħar iżda b' potenzjal kbir ta' tkabbir fuq il-livell lokali u reġjonali, inklużi l-azzjonijiet favur il-koeżjoni soċjali;
29. Itenni li l-istrumenti finanzjarji innovattivi huma intiżi sabiex jiffaċilitaw jew jagħmlu possibbli proġetti kkunsidrati neċessarji sabiex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni u jippermettu minħabba f'hekk għandhom jitqiesu aktar it-termini ta' żmien tal-programmi u li jsir adattament għalihom;
30. Jemmen bil-qawwa li l-istrumenti finanzjarji innovattivi jeħtiġilhom jindirizzaw wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi ta' politika tal-Unjoni, b' mod partikolari dawk deskritti mill-Istrateġija UE 2020, joperaw b' mod nondiskriminatorju, ikollhom data ta' tmien ċara, jirrispettaw il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda u jkunu komplemenetari għal strumenti tradizzjonali bħalma huma l-għotjiet, u b'hekk itejbu l-kwalita tal-infiq u jikkontribwixxu għall-prinċipji gwida tal-iżgurar li jsir użu ottimu mir-riżorsi finanzjarji.
31. Huwa tal-fehma li l-istrumenti finanzjarji innovattivi jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat billi jattiraw aktar kapital privat għal proġetti tal-infrastruttura pubblika;
32. Jenfasizza l-importanza tal-evalwazzjoni ex ante fl-identifikazzjoni tas-sitwazzjonijiet ta' falliment tas-suq jew il-kundizzjonijiet ta' investiment subottimali, ħtiġijiet ta' investiment, involviment potenzjali tas-settur privat, possibbiltajiet ta' ekonomiji ta' skala u l-kwistjonijiet ta' massa kritika, u biex jiġi vverifikat li l-istrument ma joħloqx tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern u ma jiksirx ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat; jistieden lill-Kummissjoni tippromponi rekwiżiti oġġettivi, politematiki u rilevanti għal dak li jikkonċerna r-rwol u l-applikazzjoni tal-evalwazzjonijiet ex ante; jemmen bil-qawwa fil-prinċipju tat-tfassil tal-politika abbażi ta' elementi konkreti, u jemmen li dawn l-evvalwazzjonijiet se jikkontribwixxu għat-tħaddim effiċjenti u effikaċi tal-istrumenti finanzjarji innovattivi;
33. Iqis indispensabbli li, fil-kuntest ta' approċċ orjentat lejn ir-riżultati, jiġu inklużi numru raġonevoli ta' indikaturi kwalitattivi u/jew kwantitattivi sempliċi fl-evalwazzjonijiet ex ante u ex post tal-istrumenti finanzjarji innovattivi kollha, sew fir-rigward tar-rendiment finanzjarju tal-istrument kif ukoll fir-rigward tal-kontribut għall-ilħiq tal-objettivi tal-Unjoni; iqis li dan ir-rekwiżit għandu jkun kompatibbli ma' piż amministrattiv raġonevoli għall-manigġers ta' proġetti; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-qtugħ ta' kontinwità fl-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi li jista' jirriżulta mill-evalwazzjoni ex post rikjesta tiegħu;
34. Josserva madankollu li ż-żieda fin-numru ta' strumenti finanzjarji innovattivi qed toħloq diversi sfidi fil-qasam tar-regolamentazzjoni, tal-governanza u tal-kontroll tal-effikaċja

tagħhom u huwa neċessarju li jinstab ekwilibriju ġust bejn il-bżonn ta' trasparenza u ta' kontroll, minn naħa, u livell suffiċjenti ta' effikaċja u ta' rapidità ta' implimentazzjoni, min-naħa l-oħra; huwa tal-fehma li t-tnaqqis tal-ġhadd ta' strumenti finanzjarji jista' jimminimizza d-diverġenzi u jiżgura mass kritika suffiċjenti;

35. Jenfasizza għalhekk l-importanza ta' qafas ġuridiku li jkun sempliċi, ċar u trasparenti kemm jista' jkun, li ma jżidx il-piż amministrattiv tal-intermedjarji u l-benefiċjarji u li jrendi attraenti l-istrumenti finanzjarji innovattivi għall-investituri pubbliċi u privati;
36. Iqis b'mod partikolari li r-regoli fil-qasam ta' rapportar għandhom jittejbu biex ikunu ċari u, kemm jista' jkun, uniformi sabiex ikun hemm ekwilibriju raġonevoli bejn l-affidabbiltà tal-informazzjoni u l-attrazzjoni tal-istrumenti; jitlob lill-Kummissjoni timplimenta s-sistemi adegwati ta' ġestjoni u kontroll li jiżguraw l-infurzar tar-regoli eżistenti dwar l-awditjar.
37. Jitlob lill-Kummissjoni tipprova lill-Parlament Ewropew b'sommarju fil-forma ta' rapport annwali uniku u separat dwar l-istrumenti finanzjarji innovattivi, li jkopri l-użu tagħhom u l-prestazzjoni tagħhom skont it-tip ta' fond, skont l-oġettiv tematiku u skont l-Istat Membru;
38. Fid-dawl tan-nuqqas inerenti ta' viżabbiltà ta' dawn l-istrumenti finanzjarji, ihegġegħ lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex tiżgura l-komunikazzjoni adegwata dwar dan it-tip ta' intervent li tuża l-baġit Ewropew, diretta mhux biss għall-investituri potenzjali iżda wkoll għaċ-ċittadini Ewropej; jenfasizza l-importanza ta' kampanja ta' informazzjoni estensiva fuq il-livell tal-UE dwar l-istrumenti finanzjarji ġodda sabiex ikun hemm aċċess għall-investituri kollha, irrispettivament mid-daqs tal-istituzzjoni li jirrappreżentaw;
39. Jenfasizza li l-effett ta' ingranaġġ u l-effett multiplikatur ivarjaw b'mod kunsiderevoli minn qasam ta' intervent għal ieħor; iqis li l-leġiżlatur Ewropew ma għandux jiffissa minn qabel oġettivi wisq uniformi dwar dan, peress li dawn l-effetti, mill-istess natura tagħhom, jiddependu ħafna fuq iċ-ċirkustanzi ekonomiċi u fuq s-setturi ta' intervent ikkonċernati;
40. Jenfasizza li l-ambitu tal-istrumenti finanzjarji innovattivi għadu fil-biċċa l-kbira vag u huwa suxxettibbli għal bidliet rapidi; jinnota, konsegwentement, li l-kapaċità ta' kreattività jew il-kapaċità ta' flessibbiltà u ta' adattament fil-kuntest lokali, għandha tkun l-oġhla possibbli; jipproponi għalhekk li l-ammont annwali allokati lil kull strument ikun jista' jiġi adattat mill-awtorità baġitarja jekk dan jirriżulta utli sabiex jiġi ffaċilitat il-ksib tal-finijiet li għalihom inħoloq;
41. Itenni li l-investment mill-ġdid tal-interess u dħul ieħor iġġenerat minn instrument partikolari f'dak l-istess strument ("reflows") irid jikkostitwixxi l-prinċipju ta' kull strument finanzjarju innovattiv, u li kull eċċezzjoni trid tiġi debitament iġġustifikata; jilqa', f'dan is-sens, il-progress irregiżtrat mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid li għandu jidħol fis-seħħ is-sena li jmiss;
42. Iqis li huwa imperattiv li jiġu żviluppatti l-għarfien u l-kapaċità teknika tal-awtoritajiet ta' ġestjoni, intermedjarji finanzjarji, banek u amministrazzjonijiet lokali fil-qasam tal-użu u l-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji innovattivi; jirrakkomanda li jkun hemm aktar skambji

ta' għarfien espert bejn dawn l-atturi kollha, b'mod partikolari dawk li huma familjari mas-suq nazzjonali, qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-att ta' implimentazzjoni intiż sabiex jiġu definiti l-istrumenti standardizzati mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri; iqs li huwa indispensabbli li dawn l-iskambji jsiru f'waqthom sabiex jiġu affrontati l-ostakli kulturali, tiġi garantita l-approvazzjoni tal-istrumenti finanzjarji innovattivi u jingħatalhom kull possibbiltà ta' suċċess;

43. Jemmen li r-rwol ta' istituzzjonijiet bankarji nazzjonali u reġjonali varji jeħtieġ li jiġi rikonoxxut, meta titqies l-esperjenza u l-għarfien neċessarji tagħhom fl-indirizzar tal-ispeċifitàjiet lokali u reġjonali ta' rilevanza għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji;
44. Iqs li l-karattru innovattiv tal-istrumenti finanzjarji innovattivi jirrikjedi l-istabbiliment ta' qafas ta' koordinament tal-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi li lillhom se tiġi ddelegata s-setgħa tal-implimentazzjoni baġitarja għall-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji innovattivi, f'liema qafas ikunu involuti rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament;
45. Jilqa' l-ftehim rapidu li seħħ bejn il-Parlament u l-Kunsill fuq l-istabbiliment ta' fażi pilota (2012-2013) ta' bonds tal-proġetti għall-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni¹; juri li huwa lest jivvaluta, abbażi tal-evalwazzjoni indipendenti sħiħa ta' din il-fażi pilota, l-passi li jkun għandhom jittieħdu fil-futur biex isaħħu l-effiċjenza tal-infiq tal-Unjoni kif ukoll biex ikabbru l-volumi ta' investment għal proġetti ta' prijorità.
46. Jitlob, għalhekk, b'urġenza li tiġi implimentata inizjattiva tal-bonds għall-finanzjament ta' proġetti u li tiġi vvalutata bir-reqqa l-adattezza ta' inizjattiva separata ġdida għall-ħruġ ta' bonds Ewropej għall-infrastruttura, bil-parteċipazzjoni diretta tal-UE fil-kapital tal-proġetti infrastrutturali ta' interess komuni b'valur miżjud qawwi Ewropew permezz tal-ħruġ pubbliku ta' bonds għall-finanzjament ta' proġetti min-naħa tal-Unjoni;
47. Jemmen li l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda tibgħat sinjal qawwi lill-investituri pubbliċi u privati kif ukoll lis-swieq finanzjarji, bil-parteċipazzjoni b'mod dirett, waħedha jew flimkien mal-Istati Membri, fil-kapitalizzazzjoni tal-proġetti infrastrutturali (ikkaratterizzati mir-ritorn fuq investimenti fuq perjodu ta' żmien twil); jemmen li din il-parteċipazzjoni tal-UE bħala investitur għandha tiżgura konsistenza mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni fuq żmien twil u tkun tirrappreżenta garanzija tat-twettiq tal-proġett, u tipproduċi effett katalista qawwi kif ukoll effett daqstant qawwi ta' lieva;
48. Jilqa' wkoll il-ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-28 u tad-29 Ġunju 2012 dwar iż-żieda fil-kapital tal-BEI bl-ammont ta' EUR 10 biljun, li se jippermetti lill-grupp BEI li jżid l-kapaċità ta' self tiegħu għewwa l-Unjoni għas-snin li ġejjin b'madwar EUR 60 biljun u b'hekk ikollu rwol kontraċikliku li huwa pożittiv fil-kuntest ta' sforz biex terġa tissaħħa l-ekonomija Ewropea; ifakkar li huwa rikonoxxut b'mod ġenerali li s-self tal-BEI għandhom effett multiplikatur ta' tlieta; jinsisti għalhekk li għal dan l-impenn ġdid ma għandux isir għad-detriment tal-isforzi paralleli ta' tisħiħ u titjib tal-istrumenti konġunti tal-BEI u l-baġit tal-Unjoni fil-qasam tal-kondiviżjoni ta' riskji jew ta' teħid ta'

¹ Testi adottati, 5.6.2012, P7_TA-PROV(2012)0296.

parteċipazzjoni fil-kapital, peress li dawn jippermettu li jiġu appoġġati tipi oħra ta' proġetti u azzjonijiet minn dawk koperti mis-self tal-BEI, u għandhom effett multiplikatur ogħla minn dak tas-self tal-BEI;

49. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li indipendentement mil-livell ta' twettiq tal-iskop intiż tal-istrumenti finanzjarji innovattivi, l-impatt sħiħ tagħhom jinħass biss jekk l-ambjent ġuridiku u regolatorju ġenerali jiffaċilita l-iżvilupp tagħhom, pereżempju għal dak li jikkonċerna t-trattament ta' investimenti fit-tul fil-kuntest ta' regoli prudenzjali li bħalissa għaddejjin minn reviżjoni (Basel III, Solvency II...);
50. Huwa konfidenti li użu akbar tal-istrumenti finanzjarji se joħloq impatt tassew pożittiv fuq l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea, iżda jibża' li dan se jkun limitat għall-proġetti bi ritorn fuq perjodu ta' żmien qasir u medju; jibża' li investimenti fi proġetti daqstant bżonjużi għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv jistgħu ma jitwettqux għaliex jitqiesu wisq riskjużi għall-investituri u minħabba n-nuqqas ta' fondi pubbliċi; jitlob, għalhekk, li l-Kummissjoni tippreżenta malajr kemm jista' jkun proposti intiżi sabiex jiffaċilitaw il-mobilizzazzjoni tat-tfaddil attwalment sottoutilizzat favur proġetti ta' terminu medju u fit-tul li joħolqu tkabbir sostenibbli fl-Unjoni;
51. Iqis li, jekk strument finanzjarju innovattiv partikolari jilħaq massa kritika suffiċjenti, dan jista' jkun attraenti sewwa għas-suq tal-kapital privat, fid-dawl tat-tnaqqis tar-riskju bħala riżultat tad-daqs sinifikanti tal-portafoll ta' proġetti u l-fluwidità possibbli tan-negożju fis-swieq;
52. Jissottolinja l-hteġa li noqogħdu attenti li d-dehra possibbli ta' "ekonomija finanzjarja mħallta" ma twassalx biex strumenti finanzjarji innovattivi jsiru prodotti derivati kumplessi li jistgħu jiġu titolizzati jew iddevjati mill-oġġettiv inizjali tagħhom;

*

* *

53. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

31.5.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar strumenti finanzjarji innovattivi fil-kuntest tal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss 2012/2027 (INI)

Relatur: Iliana Ivanova

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi li l-istrumenti finanzjarji huma għodda għall-għoti tal-fondi u jipprovdu l-opportunità sabiex jinħolqu effetti ta' multiplikatur u ta' lieva u għalhekk f'xi każijiet jistgħu jkunu mezz ta' appoġġ pubbliku aktar effiċjenti u effikaċi; ifakkar li l-Kummissjoni qed tippromwovi użu akbar ta' strumenti finanzjarji għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss¹ minkejja l-fatt li l-Kummissjoni stess tikkunsidra l-istrumenti finanzjarji fiż-żona ta' koeżjoni bħala ta' riskju għoli²;
2. Huwa mħasseb li attwalment ma hemmx definizzjoni legali ta' 'strument finanzjarju'; jifhem li r-Regolament Finanzjarju rivedut se jinkludi din id-definizzjoni; jemmen li hu indispensabbli li timxi ma' din id-definizzjoni fl-atti leġiżlattivi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-istrumenti finanzjarji;
3. Jenfasizza r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) fl-opinjoni tagħha 6/2010 dwar ir-Regolament Finanzjarju fir-rigward tal-bżonn li (a) tiġi ċċarata s-sjieda ta' strumenti finanzjarji, (b) tiġi żgurata l-konsistenza fil-kontabilità u r-rappurtar tal-istrumenti finanzjarji fid-dikjarazzjoni finanzjarja, (c) jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni ċari dwar il-monitoraġġ u (d) tissaħaħ il-kapaċità tal-persunal tal-Kummissjoni biex joperaw strumenti finanzjarji kumplessi;
4. Jenfasizza li l-istrumenti finanzjarji jistgħu jiġu appoġġjati biss permezz ta' fondi pubbliċi fil-każ ta' falliment tas-suq; jissottolinja, għalhekk, l-importanza ta' valutazzjoni ta' kwalità tal-falliment tas-suq li tidentifika diskrepanza ta' finanzjament kwantifikata u għalhekk domanda li tidher biċ-ċar għal appoġġ pubbliku għal strumenti finanzjarji; huwa konvint li strumenti finanzjarji b'appoġġ pubbliku għandhom jiġu introdotti biss jekk

jindirizzaw din id-domanda li tidher biċ-ċar, għaliex jekk ma jsirx hekk jista' jkun hemm distorsjonijiet tas-suq; jissottolinja l-importanza ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat f'dan il-kuntest;

5. Jilqa' l-osservazzjonijiet pprovduti mill-Eca fir-Rapport Speċjali Nru 4/2011 dwar il-faċilità ta' Garanzija tal-SME; jitlob lill-Fond Ewropew tal-Investment, li jimmaniġġja l-faċilità f'isem il-Kummissjoni, biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA malajr kemm jista' jkun; jinnota l-osservazzjonijiet tal-ECA ippubblikat fir-Rapport Speċjali tagħha 4/2011 dwar il-verifika tal-faċilità tal-iSMEG fir-rigward tal-iskarsezza ta' evidenza reali imressqa fil-valutazzjoni tal-impatt b'appoġġ għall-faċilità, l-oġġettivi mhux ċari tal-iskema, in-nuqqas ta' miri speċifiċi u l-każijiet fejn il-benefiċjarji setgħu jiksbu self fis-suq mingħajr garanziji b'appoġġ pubbliku; jilqa' fl-istess ħin li l-kisbiet identifikati fir-rapport speċjali 4/2011, inkluż il-ħolqien ta' qafas ta' ġestjoni adegwat kif ukoll qasam iddiżenjat tajjeb għall-għażla tal-benefiċjarji u l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ċari u raġonevoli ta' rappurtar li ma jimponx piż eċċessiv fuq l-SMEs;
6. Huwa mħasseb dwar is-sejbiet tal-QEA inklużi fir-Rapport Speċjali Nru 2/2012 tagħha dwar strumenti finanzjarji għall-SMEs kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali; huwa konvint bis-sħiħ li dawn l-osservazzjonijiet jeħtieġ li jiġu indirizzati u d-debolezzi rranġati qabel ma jiżdied ir-rikors għal strumenti finanzjarji fil-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss;
7. Jirrakkomanda li l-punti li ġejjin jiġu indirizzati fil-Qafas finanzjarju multiannwali li jmiss :
 - il-ħolqien ta' sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni affidabbli u teknikament b'saħħithom li huma speċifiċi għall-istrumenti finanzjarji, inkluż numru żgħir ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu, rilevanti, speċifiċi u uniformi li jiffukaw fuq ir-riżultati miksuba u li jipprovdu livelli ta' limitu u ta' mira rilevanti,
 - - Applikazzjoni ta' strumenti finanzjarji permezz ta' koordinazzjoni tajba ma' strumenti oħrajn sabiex jiġi żgurat il-valur miżjud Ewropew;
8. Jara l-benefiċċju li jkun involut is-settur privat permezz ta' strumenti finanzjarji; ikun kritiku, iżda, ta' trattament preferenzjali li jingħata lil investituri privati, għaliex dan jiffa' riskji fuq is-settur pubbliku li ma humiex proporzjonati mal-opportunitajiet disponibbli; jemmen, għalhekk, li rikors għal trattament preferenzjali jeħtieġ li jkun ġustifikat għal kull każ individwali;
9. Huwa mħasseb rigward il-fatt li ħafna strumenti finanzjarji huma mmirati lejn l-istess benefiċjarji jew benefiċjarji simili u jara r-riskju ta' koordinazzjoni fqira u li tirkeb fuq oħra fejn għandhom x'jaqsmu dawn il-miżuri; jistieden lill-Kummissjoni tressaq dokument li jindika l-istrumenti finanzjarji kollha biex b'hekk jagħti kontribut għall-ġestjoni adegwata ta' dan ir-riskju;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	30.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Jean-Pierre Audy, Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Andrea Češková, Tamás Deutsch, Martin Ehrenhauser, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Cătălin Sorin Ivan, Iliana Ivanova, Jan Mulder, Eva Ortiz Vilella, Crescenzo Rivellini, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Theodoros Skylakakis, Bart Staes, Michael Theurer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Zuzana Brzobohatá, Jorgo Chatzimarkakis, Derk Jan Eppink, Véronique Mathieu
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Joachim Zeller

20.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-istrumenti finanzjarji innovattivi fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss 2012/2027 (INI)

Rapporteur għal opinjoni: Antonio Cancian

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-għadd kbir ta' strumenti finanzjarji u programmi ta' ko-finanzjament Ewropej joħloq konfużjoni u inċertezza fost l-entitajiet pubbliċi u privati li jkunu jixtiequ jibbenefikaw minnhom; jistenna li l-Kummissjoni tkun aktar attiva meta tgħin applikanti potenzjali jsibu l-finanzjament jew l-istrument finanzjarju adegwat billi tipprovdni orjentazzjoni, rakkomandazzjonijiet u assistenza individwali biex jiġi dderminat liema mezz huma l-aktar effettivi għall-iżborż tal-applikanti; jittama li l-istrumenti finanzjarji, inklużi l-fondi strutturali, jiġu rrazzjonalizzati u kkoordinati, sabiex jittejjeg l-użu effiċjenti tagħhom fi ħdan qafas uniku koerenti; jilqa', f'dan ir-rigward, l-idea tal-Kummissjoni ta' raggruppament trasversali ta' strumenti bħalma hi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, sabiex jiġu sfruttati s-sinerġiji transsettorjali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proġetti transsettorjali, bħall-grids intelliġenti, jingħataw prijorità;
2. Josserva li l-Fond Marguerite s'issa ffinanzja għadd pjuttost limitat ta' proġetti u jitlob lill-Kummissjoni taħdem sabiex ittejjeb il-prestazzjoni ta' dan il-fond; iqis li l-adozzjoni ta' strumenti finanzjarji futuri għandha tqis din l-ewwel esperjenza meta jkun qed jiġi vvalutat kif jista' jtwessa' l-iskop ta' dan it-tip ta' ffinanzjar, u għandha b'mod partikolari tnaqqas, fejn ikun possibbli, it-tul ta' żmien operattiv tal-istrumenti finanzjarji;
3. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Fond għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEE) jaħdem billi joffri lill-benefiċjarji potenzjali kundizzjonijiet ta' finanzjament simili, li jistgħu jkunu anqas favorevoli, għal dawk offruti mis-suq ordinarju; jiddispijaċih mill-fatt li l-Fond, minkejja li jikkwalifika effettivament bħala strument finanzjarju, huwa kkunsidrat mill-Kummissjoni bħala tip ta' sussidju, li jfisser li għalhekk il-benefiċjarji tal-EEEE m'humiex eliġibbli għal

għajnuna mill-fondi strutturali; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li fil-futur jiġi żgurat li l-istrumenti finanzjarji l-ġodda jkunu kompatibbli mal-fondi strutturali u mal-istrumenti l-oħra ta' sussidju disponibbli mill-Unjoni Ewropea; jinnota li strumenti finanzjarji li jiffunzjonaw tajjeb fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija jistgħu jipproduċu riżultati rapidi, u jissuġġerixxi, għalhekk, li l-EEEF għandu jitlej billi jinbidel f'fond li jista' jerġa jintuża ("revolving fund"), li joffri opportunitajiet ta' investment reali, direttament jew indirettament permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji, fi proġetti żgħar tal-effiċjenza tal-enerġija u tal-enerġija rinovabbli;

4. Jemmen li għandha tingħata aktar attenzjoni lill-appoġġ tal-SMEs permezz tal-istrumenti ta' parteċipazzjoni fil-kapital u d-dejn previsti mill-Programm għall-Kompetittività tal-impreżi u l-SMEs (COSME) u Orizzont 2020; jemmen li huwa xieraq, madankollu, li jiġi kkunsidrat li jiżdied il-limitu massimu stipulat mill-mekkaniżmu ta' garanzija fuq is-self (LGF) fil-programm COSME (EUR 150 000), bi qbil ma' evalwazzjoni aktar preċiża tal-ħtiġijiet reali ta' kreditu tal-SMEs Ewropej; jikkunsidra li ż-żieda fil-livell limitu m'għandhiex twassal għal tnaqqis fl-SMEs li jibbenefikaw mill-faċilità u għaldaqstant jitlej għal żieda fil-livell ġenerali ta' fondi previsti fl-LGF;
5. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tesplora metodi għat-titjib tas-suq ta' kważi ekwità, b'mod partikolari finanzjament intermedju; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tinvestiga kif għandha ssaħħaħ il-Faċilità Mezzanina għat-Tkabbir tal-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) u tikkunsidra prodotti intermedji ġodda, bħal garanzija għal self intermedju; jirrakkomanda wkoll li għandhom jiġu pprovduti dejta u analiżi dwar l-istrumenti finanzjarji biex inaqqsu l-ostakoli għal intermedjarji finanzjarji li jkunu jixtiequ jesploraw is-suq tas-self għal kapital intermedju fl-UE;
6. Iħares b'mod favorevoli lejn l-azzjonijiet li jipprovdu għall-ħruġ ta' garanziji għall-promoturi ta' proġetti, bil-għan li jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-kreditu, skont l-iskema proposta mill-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (Risk Sharing Financial Facility - RSFF);
7. Jappoġġja l-isforz għall-inċentivazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni fi ħdan l-SMEs fil-Programm Orizzont 2020; jinnota wkoll li l-finanzjament tal-kapital ta' riskju mhux l-uniku mezz vijabbli biex jintlaħaq dan l-oġġettiv; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati l-oħra biex janalizzaw l-involviment possibbli ta' sistema ta' għoti ta' kuntratti lill-SMEs għall-iżvilupp ta' teknoloġiji li l-istituzzjonijiet Ewropej juru l-bżonn għalihom, b'tali mod li l-fondi Ewropej jiffinanzjaw il-produzzjoni ta' teknoloġiji utli għall-istituzzjonijiet tagħhom;
8. Itenni li għandhom jintużaw strumenti finanzjarji innovattivi biex jappoġġjaw sħubijiet pubbliċi-privati u dawn għandhom jiġu previsti bħala alternattiva għal infiq kollu kemm hu pubbliku bħala mod kif jistgħu jiġu ġenerati fondi u indirizzat il-falliment tas-suq;
9. Itenni li dawn l-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu attivati biex jitwettqu proġetti li jitlej meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv ibbażat fuq sforzi kollaborattivi u parteċipazzjoni kollettiva; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-BEI b'mod partikolari, iżda wkoll lill-korpi l-oħra involuti direttament jew indirettament, biex jassistu b'mod ħafna aktar attiv lill-promoturi ta' dawn il-proġetti, l-aktar fil-fażijiet tal-bidu, iżda wkoll waqt iċ-

ċiklu tal-implimentazzjoni kollu sabiex jiżguraw li l-fondi jintużaw b' mod effiċjenti; iqis, f'dan is-sens, li esperjenzi ta' suċċess b'hall-faċilità ta' assistenza teknika ELENA għandhom jintużaw b'ħala eżempju u jiġu enfasizzati;

10. Jemmen li l-proġetti kollha li jeħtieġu finanzjament Ewropew għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ex ante biex taċċerta l-potenzjal kummerċjali tal-proġett, bil-għan li jiġi stabbilit liema forom ta' finanzjament ikunu aktar xierqa (għotjiet mill-baġit tal-UE, self fornit mill-Bank Ewropew tal-Investment jew garanziji permezz ta' strumenti finanzjarji), filwaqt li ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-possibbiltà li jitnaqqsu l-perċentwali ta' għotjiet, fejn possibbli, u li jiġi stabbilit test ta' sħubija pubblika privata (PPP) għal proġetti fuq skala kbira;
11. Għandu fiduċja li l-użu aktar strateġiku tal-istrumenti finanzjarji se jkollu impatt tasewwajj fuq l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea, iżda jqis li sfortunatament dan se jkun limitat għall-proġetti li se jagħtu l-frott fuq perjodu ta' żmien qasir u medju; jibża' li l-investimenti fi proġetti daqstant b'żonnjużi għall-kisba tal-oġġettivi tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv jistgħu ma jidwettqux għaliex jidwettqu wisq riskjużi għall-investituri u minħabba nuqqas ta' fondi pubbliċi; jenfasizza, għalhekk, ir-rwol ta' katalizzatur għall-kapital privat li jistgħu jaqdu l-istrumenti finanzjarji, billi jwaqqfu strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju u jnaqqsu l-perċentwali tar-riskju min-naħa tal-investituri;
12. Jilqa' t-twaqqif ta' bonds Ewropej multinazzjonali u jtenni li, permezz tal-approċċ tagħhom ibbażat fuq is-solidarjetà, dawn l-istrumenti għandhom jippermettu aċċess għall-finanzjament tal-infrastruttura kritika tal-UE, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija;
13. Jitlob, għalhekk, b'urġenza li tiġi implimentata inizjattiva tal-bonds għall-finanzjament ta' proġetti (project bonds) u li tiġi vvalutata bir-reqqa l-opportunità ta' inizjattiva separata għal għall-ħruġ ta' bonds Ewropej għall-infrastruttura, bil-parteċipazzjoni diretta tal-Unjoni Ewropea fil-kapital tal-proġetti infrastrutturali ta' interess komuni b'valur qawwi miżjud Ewropew permezz tal-ħruġ pubbliku ta' bonds għall-finanzjament ta' proġetti min-naħa tal-Unjoni;
14. Jemmen li l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda tibgħat sinjal qawwi lill-investituri pubbliċi u privati kif ukoll lis-swieq finanzjarji, bil-parteċipazzjoni b' mod dirett, waħedha jew flimkien mal-Istati Membri, fil-kapital tal-proġetti infrastrutturali (ikkaratterizzati minn ritorn fuq investimenti fuq perjodu ta' żmien twil); jemmen li din il-parteċipazzjoni tal-UE b'ħala investitur għandha tiżgura konsistenza mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni fuq żmien twil u tkun tirrappreżenta garanzija tat-twertiq tal-proġett, u tipproduċi effett katalista qawwi kif ukoll effett daqstant qawwi ta' lieva;
15. Jitlob l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet uniformi fir-rigward ta' spejjeż eliġibbli, il-verifika u l-kontroll, u jemmen li jekk jiġi ddeterminat livell ċar ta' responsabbiltà tal-Istati Membri rigward l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' dawn il-mekkaniżmi finanzjarji, huma se jkun jistgħu jintużaw b' mod aktar effettiv;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	19.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 49 -: 2 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Marisa Matias, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Teresa Riera Madurell, Michèle Rivasi, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Niki Tzavela, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Henri Weber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, António Fernando Correia de Campos, Ioan Enciu, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Ivailo Kalfin, Seán Kelly, Werner Langen, Mario Pirillo, Peter Skinner, Lambert van Nistelrooij
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jorgo Chatzimarkakis

25.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar strumenti finanzjarji innovattivi fil-kuntest tal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss (2012/2027(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mojca Kleva

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jissaħħaħ l-użu tal-istrumenti finanzjarji (IF) fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-2020); jenfasizza li fi żmien ta' limitazzjoni fiskali qawwija u ta' tnaqqis tal-kapaċità ta' self min-naħa tas-settur privat, l-użu miżjud tal-IF innovattivi jista' jkattar is-sħubijiet pubbliċi privati, jikseb effett ta' multiplikatur bil-baġit tal-UE, jillibera sorsi alternattivi ta' finanzjament, jiggarantixxi fluss importanti ta' fondi għal investimenti reġjonali strateġiċi, isostni investimenti fit-tul u sostenibbli u jgħolli l-potenzjal ta' tkabbir tal-UE; jemmen li, jekk jintuża għal proġetto xierqa, l-IF jistgħu, bħala kompliment għall-għotjiet, jevolvu biex isiru aspetti importanti tal-istrateġiji ta' tkabbir reġjonali tal-EU lejn il-kisba tal-għanijiet tal-UE ta' tkabbir ekonomiku intelliġenti u sostenibbli; jistqarr li l-FI jitqiesu bħala xierqa jekk b'riżultat tal-promozzjoni tal-proġgett, iġibu magħhom dħul u profitt u għalhekk, ikun jista' jsir ħlas lura tal-krediti u s-self;
2. Iħeġġeġ li tkun adottata mill-aktar fis possibbli definizzjoni legali tal-IF fir-Regolament Finanzjarju rivedut li ġej u li ssir referenza koerenti fl-atti leġislattivi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-IF; jenfasizza l-importanza li jkunu grantiti ċ-ċarezza, is-sempliċità u t-trasparenza tal-qafas legali tal-IF fi żmien xieraq u qabel il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, sabiex jiżguraw li l-IF ikunu attraenti għall-investituri pubbliċi u privati;
3. Jenfasizza l-importanza ta' kampanja ta' informazzjoni estensiva fuq il-livell tal-UE dwar l-istrumenti finanzjarji ġodda sabiex ikun hemm aċċess għall-investituri kollha, irrispettivament mid-daqs tal-istituzzjoni li jirrappreżentaw;

4. Jenfasizza l-importanza ta' valutazzjoni ex ante fl-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' falliment tas-suq jew ta' investment subottimali; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi rekwiżiti relevanti rigward ir-rwol u l-applikazzjoni tal-valutazzjoni ex ante, – bħall-evidenza ta' falliment tas-suq, diskrepanza fil-finanzjament u ħtiġijiet ta' investment kwantifikati, il-parteċipazzjoni possibbli tas-settur privat, valur miżjud li jirriżulta tal-IF inkwistjoni u valutazzjoni tal-massa kritika, fir-regolament relevanti bħala parti mill-att bażiku;
5. Jilqa' l-applikazzjoni li l-IF jiġu estiżi taħt il-politika ta' koeżjoni għall-objettivi tematiċi kollha u l-fondi CSF kollha, jew għal dawk il-proġetti, gruppi ta' proġetti, jew partijiet minn programmi ta' proġetti li jiġġeneraw dħul u profitti u li għalhekk huma adegwati għall-istrumenti finanzjarji; jenfasizza, madankollu, li prospettiva aħjar ta' IF applikati hija meħtieġa sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' koordinazzjoni u duplikazzjoni ta' skemi differenti;
6. Jemmen li monitoraġġ, rappurtar u awditjar adegwati huma ta' importanza kbira sabiex ikun żgurat li r-riżorsi tal-UE jintużaw għall-iskop maħsub; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-awtoritajiet ta' ġestjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni;
7. Jemmen li l-għarfien u l-kapaċità teknika għall-użu u l-immaniġġar tal-IF għandhom jissaħħu wkoll fil-livell tal-awtoritajiet ta' ġestjoni, tal-intermedjarji finanzjarji u tal-banek; jenfasizza li għarfien aħjar tal-IF fost dawk responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi huwa vitali sabiex jitneħħew restrizzjonijiet ta' natura kulturali u jippromwovi s-suċċess tal-IF;
8. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni sabiex tuża l-esperjenza miksuba bl-istrumenti bħal JEREMIE, JESSICA, JASMINE li huma kruċjali għar-reġjuni, l-irħula u l-ibliet tal-Ewropa filwaqt li tiddefinixxi l-era ġdida tal-istrumenti finanzjarji għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;
9. Jemmen li r-rwol ta' istituzzjonijiet bankarji nazzjonali u reġjonali varji jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti, meta titqies l-esperjenza u l-għarfien neċessarji tagħhom fl-indirizzar tal-ispeċifitàjiet lokali u reġjonali ta' rilevanza għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji;
10. Jirrikonoxxi l-importanza tad-dimensjoni urbana u r-rwol addizzjonali tal-ibliet fil-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi koperti mir-Regolament tad-Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tiċċara ulterjorment l-implikazzjonijiet proċedurali u prattiċi tar-rwol imsaħħaħ tal-bliet fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-IF u fl-istess waqt, jiġu żgurati l-proċeduri pubbliċi għall-parteċipazzjoni għal dawn il-proġetti wkoll.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 -: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Catherine Bearder, Jean-Paul Basset, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Ryszard Czarnecki, Francesco De Angelis, Rosa Estaràs Ferragut, Brice Hortefeux, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Markus Pieper, Monika Smolková, Ewald Stadler, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonello Antinoro, Cornelia Ernst, Pat the Cope Gallagher, Jens Geier, Lena Kolarska-Bobińska, James Nicholson, Ivari Padar, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter, Czesław Adam Siekierski, Patrice Tirolien

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	6.9.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Reimer Böge, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Lucas Hartong, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Claudio Morganti, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Dominique Riquet, Derek Vaughan, Angelika Werthmann, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Maria Da Graça Carvalho, Edit Herczog, Jürgen Klute, Constanze Angela Krehl, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Luigi Berlinguer